BANK ĊENTRALI EWROPEW
SUPERVIŻJONI BANKARJA

# Bord Amministrattiv ta' Rieżami

## Tmien snin ta' esperjenza fir-rieżami tad-deċiżjonijiet superviżorji tal-BĊE

Il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami (ABoR) huwa korp tal-BĊE li jwettaq rieżamijiet tad-deċiżjonijiet superviżorji tal-BĊE. Kwalunkwe persuna jew entità legali li tintlaqat direttament minn deċiżjoni superviżorja tal-BĊE tista' titlob rieżami amministrattiv. Il-membri tal-ABoR huma esperti esterni indipendenti li jinħatru għal termini ta' ħames snin li jistgħu jiġġeddu darba. Dan it-test jispjega l-proċedura ta' rieżami tal-ABoR u jippreżenta l-kwistjonijiet u l-mistoqsijiet ewlenin li ffaċċja l-ABoR fl-ewwel tmien snin tiegħu (minn Settembru 2014 sa Settembru 2022).

## 1 Il-proċedura ta' rieżami tal-ABoR

Il-proċedura ta' rieżami tal-ABoR hija rregolata mir-Regolament MSU (il-biċċa leġiżlazzjoni ewlenija dwar ir-rwol tal-BĊE fis-superviżjoni prudenzjali) u d-Deċiżjoni tal-ABoR (l-att legali tal-BĊE li jistabbilixxi l-bord ta' rieżami). Iż-żewġ atti legali jispeċifikaw li l-membri tal-ABoR u ż-żewġ supplenti għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. L-ABoR għandu jadotta opinjoni fi żmien xahrejn minn meta jirċievi talba sħiħa għal rieżami. L-ABoR jirrevedi l-konformità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjoni kkontestata mar-Regolament MSU. Inkunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-ABoR, il-Bord Superviżorju tal-BĊE mbagħad jissottometti deċiżjoni ġdida lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Din id-deċiżjoni l-ġdida tista' tħassar id-deċiżjoni kkontestata, tibdilha b'deċiżjoni emendata, jew tibdilha b'deċiżjoni li tkun identika mad-deċiżjoni kkontestata.

### 1.1 Min jista' jikkontesta deċiżjoni quddiem l-ABoR?

L-ABoR kellu jittratta għadd ta' talbiet għal rieżami ppreżentati minn istituzzjonijiet ta' kreditu u entitajiet jew persuni fiżiċi oħra, bħal azzjonisti, diretturi jew akkwirenti proposti ta' parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu. Il-ġurisprudenza tal-ABoR u l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni stabbilixxew li l-maniġment ta' bank jista' jitlob rieżami tal-irtirar tal-liċenzja tal-bank, iżda applikazzjonijiet mill-azzjonisti mhumiex ammissibbli meta tiġi ppreżentata tali talba.

### 1.2 Il-kunfidenzjalità tal-proċedura ta' rieżami tal-ABoR

Il-proċedura ta' rieżami tal-ABoR hija kunfidenzjali, skont l-Artikolu 22(2) tad-Deċiżjoni tal-ABoR.

Filwaqt li l-ABoR ma jagħmilx l-opinjonijiet tiegħu pubbliċi, partijiet mill-argumenti tal-ABoR jistgħu jiġu mgħarrfa lill-pubbliku f'litigazzjoni quddiem il-qrati tal-Unjoni. Każijiet ta' rieżami tal-ABoR isiru pubbliċi fil-każ ta' proċeduri tal-qorti sussegwenti, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għal dan il-pass fil-proċeduri u tista' tqis l-opinjoni tal-ABoR meta tiddeċiedi l-każ quddiemha.

L-applikanti għandhom ikunu konxji li kwalunkwe deċiżjoni oħra wara l-ABoR adottata mill-BĊE tissostitwixxi l-ewwel deċiżjoni, li mbagħad titqies li m'għadhiex teżisti: proċeduri ġudizzjarji mibdija kontra d-deċiżjoni oriġinali jitqiesu inammissibbli[1]. Jekk applikant ikollu l-ħsieb li jikkontesta d-deċiżjoni ta' wara l-ABoR, għandu jagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja għar-rieżami tat-tieni deċiżjoni ta' wara l-ABoR.

It-Taqsima 2.11 tagħti ħarsa ġenerali lejn każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li jsemmu rieżami tal-ABoR.

## 1.3 Kif jiżvolġi r-rieżami tal-ABoR

Ir-rieżami tal-ABoR isir fuq il-bażi ta' applikazzjoni minn kwalunkwe persuna jew entità legali affettwata direttament minn deċiżjoni superviżorja tal-BĊE. Din l-applikazzjoni tissejjaħ avviż ta' rieżami, u għandu jkollha fiha r-raġunijiet li l-applikant jinvoka biex isostni l-affermazzjoni tiegħu li d-deċiżjoni kkontestata tal-BĊE mhijiex f'konformità proċedurali u/jew sostantiva mar-Regolament MSU.

Bħala prinċipju ma hemm ebda kontrosottomissjoni korrispondenti bil-miktub mill-BĊE. Madankollu, meta jirrevedi d-deċiżjoni kkontestata, l-ABoR iħares lejn it-tabella tal-kummenti mehmuża mal-att ikkontestat[2] – li turi l-kummenti mid-destinatarju tad-deċiżjoni fil-fażi tas-smigħ u kif il-BĊE vvalutahom – sabiex jistabbilixxi dak li diġà ġie diskuss fl-istadji preċedenti tal-proċedura amministrattiva. L-ABoR jeżamina kif il-BĊE ivvaluta u rrisponda għar-rimarki li saru mill-applikant fil-fażi tas-smigħ li wassal għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Fl-aħħar nett, f'ħafna każijiet, l-ABoR iqis li seduta orali huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata b'mod ġust it-talba għal rieżami. Matul is-seduta orali, kemm l-applikant kif ukoll il-BĊE jistgħu jippreżentaw l-argumenti tagħhom u l-ABoR jista' jistaqsi mistoqsijiet. Is-seduta tipprovdi opportunità oħra għal diskussjoni bejn l-applikant u l-BĊE.

[1] Dan jirriżulta mis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Ukrselhosprom PCF u Versobank vs Il-BĊE, Kawżi magħquda T-351/18 u T-584/18, ECLI:EU:T:2021:669, appell pendenti (Kawża C-803/21 P) kif ukoll id-digriet tas-17 ta' Novembru 2021, Fursin et *vs* Il-BĊE, Kawża T-247/16 RENV, u d-digriet tal-20 ta' Diċembru 2021, Niemelä *et* vs Il-BĊE, Kawża T-321/17, ECLI:EU:T:2021:942, appell pendenti (Kawża C-181/22 P).

[2] Dwar id-dritt għal smigħ, ara wkoll l-Artikolu 22 tar-Regolament MSU.

Wara li kkunsidra l-elementi mressqa quddiemu, l-ABoR jikkonkludi r-rieżami tiegħu b'opinjoni u jipproponi lill-Bord Superviżorju azzjoni, li l-Bord Superviżorju huwa liberu li jsegwi jew le[3].

## 1.4 Rikonoxximent u r-rwol tal-ABoR

Il-kawża L-Bank[4] kienet l-ewwel rieżami li wassal għal litigazzjoni ta' wara ARoB fil-qorti. Il-Qorti Ġenerali u, fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja, qiesu l-opinjoni tal-ABoR meta vvalutaw jekk il-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-BĊE wara l-ABoR kinitx adegwata. Il-qrati tal-Unjoni stabbilixxew li, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tal-BĊE tikkonforma mal-proposta fl-opinjoni tal-ABoR, din hija estensjoni ta' dik l-opinjoni u l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fiha jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjoni kkontestata tinkludix motivazzjoni adegwata. Il-kawża L-Bank rat rikonoxximent ċar tar-rwol tal-ABoR, u dan sussegwentement ġie ripetut f'sentenzi oħra. Eżempju bħal dan huwa s-sentenza Arkéa[5] tal-Qorti Ġenerali tal-2017 li ngħatat wara opinjoni oħra tal-ABoR u kkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019.

# 2 Kwistjonijiet ikkunsidrati mill-ABoR

Sa mit-twaqqif tiegħu fl-2014, l-ABoR eżamina mill-ġdid bosta deċiżjonijiet tal-BĊE li jeżaminaw varjetà ta' kwistjonijiet. Kwistjonijiet notevoli jinkludu s-sinifikat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-fini tal-MSU, il-perimetru tas-superviżjoni konsolidata, il-ksur tar-regoli prudenzjali (pereżempju, limiti ta' skoperturi kbar), ir-regoli ta' governanza korporattiva, is-setgħa li jiġu adottati miżuri superviżorji bbażati fuq il-liġi nazzjonali, il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, l-irtirar ta' liċenzja bankarja, is-sanzjonijiet amministrattivi (inkluż l-anonimizzazzjoni ta' sanzjoni tal-BĊE), l-akkwist ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti, l-użu ta' mudelli interni għall-kalkolu tal-kapital regolatorju meħtieġ[6] u l-ispezzjonijiet fuq il-post. B'riżultat ta' dan, l-ABoR

---

3 "Il-Bord Superviżorju għandu jqis l-opinjoni tal-Bord Amministrattiv ta' Rieżami" (l-Artikolu 24(7) tar-Regolament MSU); "Il-valutazzjoni tal-Bord Superviżorju ma għandhiex tkun limitata għall-eżami tar-raġunijiet li jkun qagħad fuqhom l-applikant kif stabbilit fl-avviż ta' rieżami, iżda tista' tqis ukoll elementi oħra fil-proposta tiegħu għal abbozz ta' deċiżjoni ġdid" (Artikolu 17(1) tad-Deċiżjoni tal-ABoR).

4 Il-BĊE kkunsidra favorevolment id-deċiżjonijiet tal-Qorti. Ta' sinifikat usa' huwa r-rikonoxximent tal-Qorti tan-natura esklussiva tas-setgħat prudenzjali tal-BĊE: is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs Il-BĊE, Kawża T-122/15, ECLI:EU:T:2017:337. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, Kawża C-450/17 P, ECLI:EU:C:2019:372. Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju 2019 (2 BvR 1685/14, 2 BvR 2631/14) il-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża tat interpretazzjoni tas-sentenza L-Bank tal-Qorti tal-Ġustizzja.

5 Ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, Crédit mutuel Arkéa vs Il-BĊE, Kawża T-712/15, ECLI:EU:T:2017:900, sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, Crédit mutuel Arkéa vs Il-BĊE, Kawża T-52/16, ECLI:EU:T:2017:902 u s-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2019, Crédit Mutuel Arkéa vs Il-Bank Ċentrali Ewropew, Kawżi magħquda C-152/18 P u C-153/18 P, ECLI:EU:C:2019:810. Is-sentenza Arkéa tikkonċerna deċiżjoni SREP adottata fir-rigward tal-grupp Crédit Mutuel, li minnu tagħmel parti Arkéa, f'dawn l-aħħar żminijiet, minħabba tilwima bejnu u l-korp ċentrali ta' dan il-grupp ta' banek kooperattivi Franċiżi, il-Confédération Nationale du Crédit Mutuel (CNCM) u grupp ieħor ta' banek ta' mutwalità (il-grupp CM11-CIC). Ara s-sommarju tas-sentenzi.

6 Fil-kuntest tal-proġett tar-Rieżami Mmirata tal-Mudelli Interni (TRIM), irrappurtat mill-BĊE.

kellu l-opportunità li jistabbilixxi l-ġurisprudenza tiegħu stess, li l-elementi tagħha huma spegati hawn taħt.

## 2.1 Motivazzjoni tal-miżuri superviżorji

Element rikorrenti fl-opinjonijiet tal-ABoR kien il-ħtieġa li l-BĊE jipprovdi motivazzjoni adegwata tad-deċiżjonijiet tiegħu b'mod li tinftiehem mill-parti li qed tikkontesta. L-ABoR jinkludi dikjarazzjoni standard fl-opinjonijiet tiegħu dwar il-ħtieġa li l-motivazzjoni tkun aktar estensiva aktar ma tiġi adottata deċiżjoni inċiżiva:

"Il-miżuri diskrezzjonali meħuda mill-BĊE jeħtieġ li jkunu konsistenti u proporzjonati. Aktar ma l-miżuri jkunu intrużivi, aktar ikun għoli l-livell ta' motivazzjoni li huwa meħtieġ."[7]

L-ABoR insista li deċiżjoni tal-BĊE "tirrispetta l-mudell tan-negozju u l-ispeċifiċitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu" u reċentement afferma li "biex id-deċiżjonijiet superviżorji jkunu effettivi u meqjusa leġittimi, għandha tiġi pprovduta motivazzjoni adegwata", filwaqt li għal miżura superviżorja ta' natura intrużiva "il-motivazzjoni hija aktar importanti" u għandha tmur "lil hinn mis-sempliċi dipendenza fuq il-liġi u tispjega l-ħtieġa prudenzjali li tiġi adottata d-deċiżjoni".

## 2.2 Konformità tal-miżura mal-prinċipju ta' proporzjonalità

Relatat mill-qrib mal-punt preċedenti huwa r-rwol ewlieni li għandu l-prinċipju ta' proporzjonalità fl-opinjonijiet tal-ABoR, peress li dan il-prinċipju għandu jiggwida l-azzjonijiet kollha mill-istituzzjonijiet tal-UE. Il-proporzjonalità terġa' tqum bħala kwistjoni f'ħafna proċeduri ta' rieżami. F'opinjoni bikrija, l-ABoR talab lill-BĊE jipprovdi argumenti estiżi dwar il-proporzjonalità tad-deċiżjoni tiegħu u sabiex jindirizza b'mod speċifiku l-impatt li r-rikorrent sostna li d-deċiżjoni kien ikollha.

Il-valutazzjoni ta' ABoR tal-proporzjonalità tal-miżuri tal-BĊE, meta din tkun qed tiġi kkontestata mir-rikorrenti, hija partikolarment ta' sfida f'dawk il-każijiet fejn il-BĊE għandu setgħa diskrezzjonali. Meta jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fi kwalunkwe każ, il-BĊE għandu jivvaluta u jispjega l-proporzjonalità tal-miżuri tiegħu. Il-prinċipju ta' proporzjonalità ġie kkunsidrat ukoll fir-rigward tal-iskadenzi għall-konformità ma' ordni jew talba tal-BĊE.

## 2.3 Qari tal-Ġabra Unika tar-Regoli

Relatata mill-qrib mar-rekwiżit ta' motivazzjoni hija l-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu interpretati t-termini tal- Ġabra Unika tar-Regoli. L-ABoR uża referenzi għal "nuqqas ta' motivazzjoni" biex jenfasizza li deċiżjoni tal-BĊE kienet ibbażata fuq

---

7 L-approċċ tal-ABoR dwar il-motivazzjoni sar pubbliku fir-Rapport Annwali 2017: "B'mod partikolari, il-Bord Amministrattiv ikkunsidra li aktar ma jkunu intrużivi l-miżuri imposti, iktar ikun għoli il-livell ta' motivazzjoni li hija meħtieġa".

interpretazzjoni mingħajr ma spjegat għaliex din l-interpretazzjoni kienet intgħażlet u ġiet applikata, speċjalment meta wieħed jitbiegħed mill-gwida uffiċjali tal-aġenziji regolatorji. Eżempji huma l-analiżi tal-ABoR tal-interpretazzjoni tal-BĊE tat-terminu "kontroll komuni" fil-kuntest tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE dwar ir-rapporti finanzjarji annwali (f'każijiet ta' influwenza jew kontroll dominanti), konsolidazzjoni proporzjonata rregolata mill-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/34/UE f'każijiet ta' impriżi konġunti u l-kriterju ta' "integrità" fil-Linji Gwida Konġunti dwar il-valutazzjoni prudenzjali tal-akkwiżizzjonijiet u ż-żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju[8] adottati mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

L-ABoR ta' spiss kien ikkonfrontat bil-linji gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), b'mod partikolari dwar rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità għall-membri ta' korp maniġerjali ta' bank (EBA/GL/2012/06), ir-rieżami superviżorju u l-proċess ta' valutazzjoni (SREP) (EBA/GL/2014/13) u l-punteġġ tal-istituzzjonijiet bħala "istituzzjonijiet sistemikament importanti oħra" (EBA/GL/2014/10). Il-Linji Gwida Konġunti msemmija hawn fuq dwar il-valutazzjoni prudenzjali tal-akkwiżizzjonijiet u ż-żidiet tal-parteċipazzjonijiet kwalifikanti (JC/GL/2016/01) dehru wkoll fid-deliberazzjonijiet tal-ABoR. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-istima tal-probabbiltà ta' inadempjenza, l-istima tat-telf fil-każ ta' inadempjenza u t-trattament ta' skoperturi inadempjenti (EBA/GL/2017/16) kellhom rwol f'xi valutazzjonijiet tal-ABoR. Fl-aħħar nett, il-Linji Gwida tal-EBA adottati skont l-Artikolu 396(3) tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) (EBA/GL/2021/09) ġew invokati wkoll. Bħall-awtoritajiet kompetenti kollha, il-BĊE għandu jikkonforma mal-linji gwida maħruġa minn awtorità regolatorja tal-UE, u għandu jiġġustifika kwalunkwe devjazzjoni minnhom.

## 2.4 Liġi nazzjonali mhux armonizzata biżżejjed

Id-differenzi fir-regoli nazzjonali għas-superviżjoni ħolqu sfida għall-BĊE u l-ABoR. Dan issemma b'mod speċifiku fir-Rapport Annwali tal-BĊE 2015[9] u ġie ripetut fir-Rapport Annwali 2016 tal-BĊE[10]. L-istatus ta' "liġi" nazzjonali xi drabi huwa wkoll kwistjoni ta' fehmiet differenti, pereżempju, meta jkun hemm inkwistjoni metodu ta' komunikazzjoni ċirkolari jew metodu ieħor inqas formali ta' komunikazzjoni minn awtorità nazzjonali.

8 Linji Gwida Konġunti dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju (JC/GL/2016/01), 20 ta' Diċembru 2016.

9 "Il-Bord Amministrattiv osserva nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt Ewropew fil-livell nazzjonali f'oqsma bħall-konsolidazzjoni bankarja jew rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità. Fl-eżami tat-talbiet għal rieżami, il-Bord innota li, billi tippermetti firxa wiesgħa ta' interpretazzjoni fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu, dawn id-differenzi jagħmluha diffiċli biex jiġu rriveduti d-deċiżjonijiet tal-BĊE b'mod konsistenti." Fil-kontribut konġunt tagħhom, "Il-Bord Amministrattiv tar-Rieżami tal-Bank Ċentrali Ewropew:Esperjenza Wara sentejn", *European Business Organization Law Review*, Settembru 2017, Concetta Brescia Morra, Andrea Magliari u René Smits jiddikjaraw ukoll li "d-diversità fid-dritt nazzjonali tirrappreżenta sfida ewlenija wkoll għall-ABoR".

10 Ir-Rapport Annwali 2016 irrimarka li "Ir-rieżami tad-deċiżjonijiet tal-BĊE kien ta' sfida b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni regolatorja (it-traspożizzjoni diversa tad-dritt Ewropew fil-livell nazzjonali) u l-ambitu wiesa' li fadal għad-diskrezzjonijiet nazzjonali.".

## 2.5 Drittijiet ta' difiża fil-każ ta' rtirar ta' liċenzja: pożizzjoni tal-azzjonisti u l-bord tad-diretturi

Kif indikat hawn fuq, l-azzjonisti ta' bank ma jistgħux jaġixxu biex jiddefendu l-interessi ta' dak il-bank (u indirettament l-interessi tagħhom stess) billi jitolbu rieżami. Din il-kwistjoni qamet f'każijiet fejn l-entità kkonċernata kienet diġà ġiet illikwidata jew il-maniġment tagħha kien tkeċċa permezz ta' likwidazzjoni jew il-ħatra ta' amministratur speċjali.

L-irtirar tal-liċenzja ta' Trasta wassal għal rieżami tal-ABoR u għal proċedimenti sussegwenti tal-qorti li poġġew lill-azzjonisti kontra l-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja, billi bidlet konstatazzjoni preċedenti ta' ammissibbiltà tal-azzjonisti mill-Qorti Ġenerali[11], iddeċidiet skont l-approċċ inizjali ta' ABoR[12] li taċċetta l-avukat oriġinarjament awtorizzat fil-kontestazzjoni tiegħu f'isem il-bank, u ċaħdet l-ammissibbiltà tal-azzjonisti tal-bank fil-kontestazzjoni tagħhom tal-irtirar tal-liċenzja tal-bank[13].

Fil-każ Nemea, l-ABoR irċieva talba għal rieżami ppreżentata b'mod konġunt mid-diretturi bankarji u l-azzjonisti[14].

Reċentement, f'kawża li tikkonċerna wkoll l-irtirar ta' liċenzja ta' bank u rieżami ta' ABoR, il-Qorti Ġenerali kkonfermat in-nuqqas ta' *locus standi* tal-azzjonisti biex jikkontestaw id-deċiżjoni tal-BĊE[15]. Dan l-approċċ huwa konsistenti mas-sejbiet ta' nuqqas ta' pożizzjoni tal-azzjonisti biex jikkontestaw id-deċiżjoni ta' ebda riżoluzzjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fil-każijiet ABLV[16].

## 2.6 Żviluppi ġodda u fatti ġodda

Kwistjoni partikolarment ikkontestata kienet l-iżvolġiment ta' żviluppi ġodda wara d-deċiżjoni kkontestata, jew ta' fatti ġodda matul il-proċess ta' rieżami. Filwaqt li rieżami amministrattiv jeħtieġ li jivvaluta li l-att legali jikkonforma mal-qafas legali fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miżura kkontestata, l-ABoR mhux se jmur lil hinn minn fatti ġodda li jirriżultaw matul is-seduta, u l-ABoR mhux se jinjora bidla materjali fis-sitwazzjoni tar-rikorrent. Meta jkun hemm bidla rilevanti "fil-ħajja reali", l-ABR jirrikonoxxi dan u jipproponi lill-Bord Superviżorju li jqis din il-bidla.

---

11 Digriet tat-12 ta' Settembru 2017, Trasta Komercbanka AS vs BĊE*,* Kawża T-247/16, *ECLI:EU:T:2017:623* li ċaħad it-talba *ta'* Trasta Komercbanka bħala inammissibbli u laqa' t-talba tal-azzjonisti bħala ammissibbli.

12 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott tal-11 ta' April 2019 fil-Kawżi Magħquda C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, ECLI:EU:C:2019:323 , punti 19 u 74.

13 Sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, IL-BĊE vs Trasta Komercbanka et, Kawżi Magħquda C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, ECLI:EU:C:2019:923.

14 Ara d-digriet tal-20 ta' Diċembru 2021, Niemelä et vs Il-BĊE*,* Kawża T-321/17 ECLI:EU:T:2021:942, appell pendenti (Kawża C-181/22 P).

15 Sentenza tas-6 ta' Ottubru *2021,* Ukrselhosprom PCF u Versobank vs Il-BĊE, Kawżi Magħquda T-351/18 u T-584/18, ECLI:EU:T:2021:669 , appell pendenti (Kawża C-803/21 P).

16 Digriet tal-14 ta' Mejju 2020, Bernis et vs SRB, Kawża T-282/18, ECLI:EU:T:2020:209, sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Bernis et vs SRB, Kawża C-364/20 P, ECLI:EU:C:2022:115, u s-sentenza tas-6 ta' Lulju 2022, ABLV Bank vs SRB, Kawża T-280/18, ECLI:EU:T:2022:429 , appell pendenti (Kawża C-602/22 P).

Meta l-Bord Superviżorju jirċievi l-opinjoni tal-ABoR, huwa jeżamina mill-ġdid il-każ u huwa kompetenti biex iqis il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fil-kawża *Versobank*[17].

## 2.7 Id-dritt għal smigħ xieraq

L-ABoR stabbilixxa li sabiex jiġi żgurat id-dritt effettiv għal smigħ xieraq, l-ambitu sħiħ ta' miżura superviżorja kkontemplata għandu jiġi diskuss mal-applikant f'perijodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tiġi ffinalizzata deċiżjoni.

## 2.8 L-istess kundizzjonijiet għal kulħadd

F'ċerti każijiet ta' rieżami, l-ABoR kien ikkonfrontat b'argumenti li jgħidu li deċiżjoni tal-BĊE ma rrispettatx il-kundizzjonijiet ekwi, peress li d-deċiżjoni kienet taffettwa lir-rikorrenti b'mod negattiv fis-suq bankarju. L-ABoR jivvaluta dawn il-motivi fuq il-bażi tal-prinċipju tal-ugwaljanza u fil-kuntest tar-rwol tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE fil-promozzjoni ta' standards prudenzjali konsistenti madwar iż-żona tal-euro. F'każijiet bħal dawn, l-ABoR issottolinja li biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, il-BĊE għandu juża s-setgħat prudenzjali tiegħu b'mod konsistenti fl-Istati Membri parteċipanti kollha, f'konformità mal-prinċipji ġenerali kollha stabbiliti mill-qafas legali tal-Unjoni.

## 2.9 Sospensjoni tad-deċiżjoni kkontestata

L-ABoR stabbilixxa li sitwazzjoni straordinarja bħall-pandemija tal-koronavirus (COVID-19) tista' tiġġustifika — billi tibbilanċja l-interessi rilevanti — is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' deċiżjoni prudenzjali tal-BĊE.

## 2.10 Pubblikazzjoni ta' sanzjoni

L-ABoR stabbilixxa li sanzjoni anonimizzata tista' tiġi ġġustifikata biss jekk il-pubblikazzjoni tagħha x'aktarx ikollha konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq l-applikant. Il-pubblikazzjoni f'forma anonimizzata hija permessa biss f'każijiet speċifiċi. Il-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni ta' sanzjonar la hija piena nnifisha u lanqas element aċċessorju għall-piena, iżda rekwiżit impost mil-leġiżlatur bil-għan li jiżgura l-effett dissważiv ġenerali ta' sanzjoni billi jinforma lill-pubbliku. Il-valutazzjoni ta' jekk il-pubblikazzjoni tikkawżax dannu sproporzjonat lill-applikant[18] hija limitata għall-istabbiliment tal-konsegwenzi possibbli tal-pubblikazzjoni. Il-valutazzjoni ma tirrevedix l-elementi li qabel kienu kkunsidrati sabiex tiġi ddeterminata l-proporzjonalità ta' sanzjoni. Il-proporzjonalità tad-deċiżjoni li tiġi ppubblikata s-

---

[17] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Ukrselhosprom PCF u Versobank vs Il-BĊE, Kawżi Magħquda T-351/18 u T-584/18, ECLI:EU:T:2021:669, punt 79.

[18] Dannu sproporzjonat għar-rikorrenti jfisser dannu li jmur lil hinn minn impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-entità taħt superviżjoni u l-pożizzjoni tagħha fis-suq, li huwa dak li l-ordni leġiżlattiva ta' pubblikazzjoni taċċetta bħala konsegwenza tal-pubblikazzjoni tas-sanzjoni għall-ksur ta' regola prudenzjali.

sanzjoni hija żgurata billi jiġu vvalutati l-eċċezzjonijiet previsti mil-leġiżlatur fl-Artikolu 68(2) tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u l-Artikolu 132(1) tar-Regolament Qafas tal-MSU li taħtu għandha sseħħ l-anonimizzazzjoni. Dan l-approċċ ġie adottat ukoll mill-Qorti Ġenerali[19].

## 2.11 Ħarsa ġenerali lejn ir-rieżamijiet ta' ABoR fid-dominju pubbliku

Iktar 'l isfel hawn ħarsa ġenerali lejn il-kawżi ABoR li ġew sottomessi għal aktar rieżami lill-qrati tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-irtirar ta' liċenzja bankarja flimkien mad-domanda preliminari tal-pożizzjoni tal-azzjonisti fi Trasta (Kawża T-247/16 and Kawża T-698/16), Niemelä et vs Il-BĊE (Kawża T-321/17) u Ukrselhosprom PCF u Versobank vs il-BĊE (Kawża T-351/18 u T-584/18). Għandhom jissemmew ukoll is-sentenzi f'L-Bank (Kawża C-450/17 P) dwar is-sinifikanza, Arkéa (Kawża C-152/18 P u Kawża C-153/18 P), dwar deċiżjoni SREP u li l-konstatazzjoni ta' setgħat wiesgħa għall-BĊE skont l-Artikolu 16 tar-Regolament MSU (Kawża T-150/18 u l-Kawża T-345/18). Il-kawżi *Crédit Agricole* (Kawżi T-133/16 sa T-136/16) involvew taħlita ta' funzjonijiet eżekuttivi u mhux eżekuttivi: il-Qorti Ġenerali waslet għall-istess konklużjonijiet bħall-ABoR filwaqt li segwiet raġunament separat, kif jidher f'dan is-sommarju. L-impożizzjoni ta' sanzjonijiet tressqet quddiem il-qorti fis-sentenza VQ vs Il-BĊE (Kawża T-203/18), u informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-multa turi li l-kawża tikkonċerna Banco Sabadell, li dwarha l-ABoR kien ħarġet opinjoni[20].

L-ABoR ħareġ opinjoni għal diversi każijiet fejn l-applikazzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma ssemmix rieżami amministrattiv preċedenti, jew li għalihom ikunu għaddejjin proċedimenti mingħajr deċiżjoni ġudizzjarja. Dawn ir-rieżamiijiet tal-ABoR għalhekk għadhom mhumiex fid-dominju pubbliku.

**Rieżamijiet tal-ABoR fid-dominju pubbliku**

| | Numru tal-każ | Suġġett |
|---|---|---|
| 1 | L-Bank (Kawżi T-122/15 u C-450/17 P) | Sinjifikanza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu |
| 2 | Arkéa (Kawżi T-712/15, T-52/16, C-152/18 P u C-153/18 P) | SREP |
| 3 | Crédit Agricole (Kawżi T-133/16, T-134/16 u T-135/16) | Taħlita ta' funzjonijiet eżekuttivi u mhux eżekuttivi |
| 4 | Trasta (Kawżi T-247/16, T-698/16 u C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P) | Irtirar ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu |
| 5 | Niemelä *et* (Kawża T-321/17) | Irtirar ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu |
| 6 | BNP Paribas (Kawżi T-150/18 uT-345/18) | SREP |
| 7 | Ukrselhosprom PCF u Versobank (Kawżi T-351/18 u T-584/18) | Irtirar ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu |
| 8 | VQ (Kawża T-203/18). | Sanzjonijiet |

19 Sentenza tat-8 ta' Lulju 2020, VQ vs Il-BĊE, Kawża T-203/18, ECLI:EU:T:2020:313, punti 69-99.

20 Sentenza tat-8 ta' Lulju 2020, VQ vs Il-BĊE, Kawża T-203/18, ECLI:EU:T:2020:313, punti 7-8.

Minbarra s-sentenzi mill-qrati tal-Unjoni, l-ABoR irrapporta dawn is-suġġetti ġenerali bħala s-suġġett ta' talbiet għal rieżami:

- każijiet ta' "sinjifikanza" (Rapport Annwali 2014);
- governanza korporattiva
- il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji;
- l-irtirar ta' liċenzja (ir-Rapport Annwali 2016, ir-Rapport Annwali 2017, ir-Rapport Annwali 2018 u r-Rapport Annwali 2019);
- sanzjonijiet amministrattivi, inkluż l-anonimizzazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BĊE (Rapport Annwali 2017 u Rapport Annwali 2019);
- l-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti (ir-Rapport Annwali 2018 u r-Rapport Annwali 2019);
- mudelli interni (Rapport Annwali 2019 u Rapport Annwali 2020);
- spezzjonijiet fuq il-post (Rapport Annwali 2020);
- setgħa li jiġu adottati miżuri superviżorji bbażati fuq il-liġi nazzjonali (Rapport Annwali 2021).

**© Bank Ċentrali Ewropew, 2022**

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefon +49 69 1344 0
Sit elettroniku www.bankingsupervision.europa.eu

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

Għat-terminoloġija speċifka, jekk jogħġbok irreferi għall-glossarju MSU (disponibbli bl-Ingliż biss).